



Brussell, 15 ta' April 2025
(OR. en)

6868/25

LIMITE

CORLX 279
CFSP/PESC 405
EPF AM 17
CSDP/PSDC 154
CSC 109
EUMC 97
COPS 110
COWEB 35
ELARG 33
POLMIL 59

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar miżura ta' assistenza taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi biex tiġi appoġġata l-Armata tar-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2025/...

ta' ...

**dwar miżura ta' assistenza taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi
biex tiġi appoġġata l-Armata tar-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28(1) u l-Artikolu 41(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/509¹ tistabbilixxi l-Faċilità Ewropea għall-Paċi (EPF) għall-finanzjament mill-Istati Membri ta' azzjonijiet tal-Unjoni fil-qafas tal-politika estera u ta' sigurtà komuni (PESK) għaż-żamma tal-paċi, il-prevenzjoni tal-konflitti u t-tisħiħ tas-sigurtà internazzjonali skont l-Artikolu 21(2), il-punt (c), tat-Trattat. B'mod partikolari, skont l-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2021/509, l-EPF għandha tintuża għall-finanzjament ta' miżuri ta' assistenza bħal azzjonijiet biex jissaħħu l-kapaċitajiet ta' Stati terzi u organizzazzjonijiet reġjonali u internazzjonali relatati ma' kwistjonijiet militari u ta' difiża.
- (2) L-Unjoni hija impenjata għal relazzjoni mill-qrib b'appoġġ għal Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq (“Maċedonja ta’ Fuq”) b'saħħitha, indipendenti u prospera, abbażi tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, li ġie ffirmat fl-2001 u li daħal fis-seħħ fl-2004, u tan-negozjati tal-adeżjoni mal-Maċedonja ta' Fuq li nfetħu fl-2020.
- (3) L-Unjoni tirrikonoxxi l-allinjament tal-Maċedonja ta' Fuq mal-PESK tal-Unjoni, kif ukoll il-kontribut tal-Maċedonja ta' Fuq għall-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni (PSDK) tal-Unjoni, inkluż il-parteciċipazzjoni tagħha fil-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK u l-Forzi ta' Rispons Rapidu tal-UE fil-qafas tal-Kapaċità ta' Skjerament Rapidu.
- (4) Fil-21 ta' Marzu 2022, l-Unjoni approvat il-Boxxla Strateġika, bl-objettiv li ssir fornitur tas-sigurtà aktar b'saħħtu u aktar kapaċi, inkluż permezz ta' użu akbar tal-EPF b'appoġġ għall-kapaċitajiet militari u ta' difiża tas-sħab.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/509 tat-22 ta' Marzu 2021 li tistabbilixxi Faċilità Ewropea għall-Paċi, u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2015/528 (ĠU L 102, 24.3.2021, p. 14, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2021/509/oj>).

- (5) Fid-Dikjarazzjoni ta' Brussell tas-Summit bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent tat-18 ta' Diċembru 2024, il-mexxejja tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, f'konsultazzjoni mal-mexxejja tal-Balkani tal-Punent, affermaw mill-ġdid l-impenn tagħhom li jkomplu jiżviluppaw u jsaħħu d-djalogu u l-kooperazzjoni fis-sigurtà u d-difiża, u li jsaħħu s-sigurtà u r-reżiljenza fir-reġjun permezz tal-EPF.
- (6) Fl-24 ta' Frar 2025, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà rċieva talba mill-Maċedonja ta' Fuq biex l-Unjoni ttejjeb it-tagħmir tal-Armata tal-Maċedonja ta' Fuq, b'enfasi fuq il-Grupp tal-Battaljun tal-Infanterija Ħafifa tagħha.
- (7) Il-miżuri ta' assistenza għandhom jiġu implimentati b'kont meħud tal-prinċipji u r-rekwiżiti stipulati fid-Deċiżjoni (PESK) 2021/509, b'mod partikolari l-konformità mal-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK², u f'konformità mar-regoli għall-implimentazzjoni tad-dħul u l-infiq ifffinanzjati taħt l-EPF.
- (8) Il-Kunsill jafferma mill-ġdid id-determinazzjoni tiegħu li jipproteġi, jippromwovi u jissodisfa d-drittijiet tal-bniedem, il-libertajiet fundamentali u l-prinċipji demokratiċi u li jsaħħaħ l-istat tad-dritt u l-governanza tajba, f'konformità mal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, mad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u mad-dritt internazzjonali, b'mod partikolari d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju internazzjonali,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

² Il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK tat-8 ta' Diċembru 2008 li tiddefinixxi regoli komuni li jirregolaw il-kontroll ta' esportazzjonijiet ta' teknoloġija u tagħmir militari (ĠU L 335, 13.12.2008, p. 99, ELI: <http://data.europa.eu/eli/compos/2008/944/oj>).

Artikolu 1

Stabiliment, objettivi, kamp ta' applikazzjoni u durata

1. Hija b'dan stabbilita miżura ta' assistenza għall-benefiċċju tal-Maċedonja ta' Fuq (il-"benefiċjarju") li għandha tiġi ffinanzjata fil-qafas tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi (EPF) (il-"miżura ta' assistenza").
2. L-objettivi tal-miżura ta' assistenza huma dawn li ġejjin:
 - (a) li ssaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u l-Maċedonja ta' Fuq fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża;
 - (b) li tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' sigurtà u difiża tal-Armata tal-Maċedonja ta' Fuq sabiex ittejjeb is-sigurtà u r-reżiljenza nazzjonali u b'hekk tiproteġi aħjar il-popolazzjoni ċivili fi kriżijiet u emerġenzi;
 - (c) li ssaħħaħ il-kapaċitajiet tal-Maċedonja ta' Fuq fir-rigward tal-parteċipazzjoni tagħha fil-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni tal-Unjoni, u fil-qafas tal-Kapaċità ta' Skjerament Rapidu.
3. Sabiex jintlaħqu l-objettivi stipulati fil-paragrafu 2, il-miżura ta' assistenza għandha tiffinanzja t-tipi ta' tagħmir li ġejjin mhux iddisinjati biex iwasslu forza letali:
 - (a) teknoloġiji relatati mal-intelligence, is-sorveljanza u r-rikonjizzjoni u l-gwerra elettronika;
 - (b) vetturi ta' mobbiltà u inġinerija;

(c) sistemi ta' komunikazzjoni u informazzjoni; u

(d) tagħmir għat-taħriġ għall-ġlied.

Il-miżura ta' assistenza għandha tiffinanzja wkoll provvisti u servizzi relatati, inkluż taħriġ tekniku, fejn meħtieġ.

4. Id-durata tal-miżura ta' assistenza għandha tkun ta' 36 xahar mid-data tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Arranġamenti finanzjarji

1. L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa marbuta mal-miżura ta' assistenza għandu jkun ta' EUR 15 000 000.
2. In-nefqa kollha għandha tiġi ġestita skont id-Deċiżjoni (PESK) 2021/509 u f'konformità mar-regoli għall-implimentazzjoni tad-dħul u l-infiq ifffinanzjat fil-qafas tal-EPF.

Artikolu 3

Arranġamenti mal-benefiċjarju

1. Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-"Rappreżentant Għoli") għandu jagħmel l-arranġamenti meħtieġa mal-benefiċjarju biex jiżgura l-konformità tiegħu mar-rekwiżiti u l-kundizzjonijiet stabbiliti minn din id-Deċiżjoni bħala kundizzjoni għall-għoti ta' appoġġ fil-qafas tal-miżura ta' assistenza.

2. L-arranġamenti msemija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu dispożizzjonijiet li jobbligaw lill-benefiċjarju jiżgura:
- (a) il-konformità tal-unitajiet tal-Armata tal-Maċedonja ta' Fuq appoġġati taħt il-miżura ta' assistenza mad-dritt internazzjonali rilevanti, b'mod partikolari d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju internazzjonali;
 - (b) l-użu xieraq u effiċjenti tal-assi kollha pprovduti taħt il-miżura ta' assistenza għall-finijiet li għalihom ikunu ġew ipprovduti;
 - (c) il-manutenzjoni suffiċjenti tal-assi kollha pprovduti taħt il-miżura ta' assistenza biex tiġi żgurata l-utilizzabbiltà u d-disponibbiltà operazzjonali tagħhom matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom;
 - (d) li kwalunkwe assi pprovduti taħt il-miżura ta' assistenza ma jintilfux, jew ma jiġux ittrasferiti lil persuni jew entitajiet għajr dawk identifikati f'dawk l-arranġamenti.
3. L-arranġamenti msemija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu dispożizzjonijiet dwar is-sospensjoni u t-terminazzjoni tal-appoġġ fil-qafas tal-miżura ta' assistenza f'każ li l-benefiċjarju jinstab li jkun kiser l-obbligi stabbiliti fil-paragrafu 2.

Artikolu 4

Implimentazzjoni

1. Ir-Rappreżentant Għoli għandu jkun responsabbli li jiżgura l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni skont id-Deċiżjoni (PESK) 2021/509, u f'konformità mar-regoli għall-implimentazzjoni tad-dħul u l-infiq ifffinanzjat taħt l-EPF u mal-Qafas Metodoloġiku Integrat għall-valutazzjoni u l-identifikazzjoni tal-miżuri u l-kontrolli meħtieġa għall-miżuri ta' assistenza fil-qafas tal-EPF.

2. L-implimentazzjoni tal-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 1(3) għandha titwettaq mid-*Défense Conseil International* - Grupp DCI.

Artikolu 5

Monitoraġġ, kontroll u evalwazzjoni

1. Ir-Rappreżentant Għoli għandu jimmonitorja l-konformità mill-benefiċjarju tal-obbligi stipulati fl-Artikolu 3. Dak il-monitoraġġ għandu jintuża biex jiġi pprovdut għarfien tal-kuntest u tar-riskji ta' ksur tal-obbligi stipulati fl-Artikolu 3, u biex jikkontribwixxi għall-prevenzjoni ta' tali ksur, inkluż ksur tad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt umanitarju internazzjonali mill-unitajiet tal-Armata tal-Maċedonja ta' Fuq appoġġati fil-qafas tal-miżura ta' assistenza.
2. Il-kontroll ta' wara t-trasportazzjoni ta' tagħmir u provvisti għandu jiġi organizzat kif ġej:
 - (a) verifika tal-kunsinna, fejn iċ-ċertifikati tal-kunsinna tal-EPF għandhom jiġu ffirmati mill-forzi tal-utent aħħari mat-trasferiment tas-sjieda;
 - (b) rapportar dwar l-inventarju, fejn il-benefiċjarju jrid jirrapporta kull sena dwar l-inventarju ta' oġġetti deżinjati sakemm dan ir-rapportar ma jibqax jitqies neċessarju mill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS);
 - (c) żjarat fuq il-post, fejn malli jintalab dan, il-benefiċjarju għandu jagħti aċċess lir-Rappreżentant Għoli u lill-awdituri tal-EPF biex iwettqu verifiki fuq il-post u awditi tal-EPF.

3. Ir-Rappreżentant Għoli għandu jwettaq evalwazzjoni finali mat-tlestija tal-miżura ta' assistenza biex jivvaluta jekk il-miżura ta' assistenza kkontribwietx biex jintlaħqu l-objettivi stipulati fl-Artikolu 1(2).

Artikolu 6

Rapportar

Matul il-perjodu ta' implimentazzjoni, kull sitt xhur ir-Rappreżentant Għoli għandu jipprovdi lill-KPS rapport dwar l-implimentazzjoni tal-miżura ta' assistenza, f'konformità mal-Artikolu 63 tad-Deċiżjoni (PESK) 2021/509. L-amministratur għall-miżuri ta' assistenza għandu jinforma b'mod regolari lill-Kumitat tal-Faċilità stabbilit bid-Deċiżjoni (PESK) 2021/509 dwar l-implimentazzjoni tad-dħul u l-infiq f'konformità mal-Artikolu 38 ta' dik id-Deċiżjoni, inkluż billi jipprovdi informazzjoni dwar il-fornituri u s-sottokuntratturi involuti.

Artikolu 7

Sospensjoni u terminazzjoni

1. Il-KPS jista' jiddeċiedi li jissospendi kompletament jew parzjalment l-implimentazzjoni tal-miżura ta' assistenza f'konformità mal-Artikolu 64 tad-Deċiżjoni (PESK) 2021/509.
2. Il-KPS jista' jirrakkomanda li l-Kunsill itemm il-miżura ta' assistenza.

Artikolu 8
Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill
Il-President